KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.6.2007
KUMM(2007) 298 finali

2007/0112 (CNS)

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) Il-kuntest tal-proposta

- Ir-raġunijiet għall-proposta u għanijietha

Ir-refuġjati u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja (minn hawn 'il quddiem tissejjaħ ukoll "benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali") bħalissa mhumiex intitolati għal status ta' residenza fit-tul skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna l-istatus ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, fil-waqt li jirrikonoxxu dan in-nuqqas, fl-Istqarrija Konġuntata tat-8 ta' Mejju 2003 sejħu għall-estenzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex tkopri l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Il-proposta g ħandha ġġib fis-seħħ dik l-istqarrija billi tinkludi l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE.

- Il-kuntest ġenerali

Fil-proposta tal-Kummissjoni ta' l-2001 għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[1] ir-refuġjati jistgħu jikkwalifikaw għal status ta' residenti fit-tul wara ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fi Stat Membru.

Madankollu, fil-kors tan-negozjati, kien deċiż li jkunu esklużi r-refuġjati mill-ambitu tad-Direttiva, u fl-Istqarrija Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata mill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fit-8 ta' Mejju 2003, kien miftiehem li l-Kummissjoni tressaq proposta għal Direttiva dwar l-estenzjoni ta' l-istatus ta' residenza fit-tul għar-refuġjati u l-persuni taħt il-protezzjoni sussidjarja filwaqt li jitqies l-istudju dwar it-trasferiment ta' l-istatus ta' protezzjoni.

- Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-istatus ta' residenza fit-tul u d-drittijiet u l-benefiċċji konnesi ma' dak l-istatus huma definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE li tapplika wkoll għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali wara l-adozzjoni ta' din il-proposta.Skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004, benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali huma ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ngħataw l-istatus ta' refuġjati jew protezzjoni sussidjarja fit-tifsira ta' din id-Direttiva.

- Konsistenza ma' politika oħra

Din il-proposta taqbel b'mod sħiħ mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere ta' l-1999 u l-programm ta' l-Aja ta' l-2004 li jikkonċernaw trattament ġust ta ċ-ċittadini tal-pajjiż terz.

2) Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u valutazzjoni ta' l-impatt

- Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

[1] COM(2001) 127 finali.

Fl-2004 s-servizzi tal-Kummissjoni ddiskutew b'mod informali l-limiti wesgħin ta' din il-proposta ma' l-Istati Membri fil-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (CIA) kif ukoll i ż-żewġ laqgħat informali ta' l-esperti.

L-UNHCR, il-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) kif ukoll il-Kummissjoni tal-Knejjes għall-Migranti fl-Ewropa (CCME) kienu konsultati b'mod informali fl-2004.

Sar "studju dwar it-trasferiment ta' l-istatus ta' protezzjoni fl-UE, fl-isfond tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Ażil" mill-Kunsill Daniż tar-Refuġjati, l-Istitut għall-Politika ta' Migrazzjoni u l-Istitut għall-Istudji Etniċi u dwar il-Migrazzjon f'isem il-Kummissjoni. Ir-rapport ta' l-istudju jikkonsisti fi tliet partijiet li jiddeskrivu l-qafas legali eżistenti, il-prattika ta' ħdax-il Stat Membru u Stat li mhux Membru u xenarji futuri għal mekkani żmu tal-komunità għal trasferiment tal-protezzjoni. Ir-riċerkaturi kkonsultaw ħdax-il Stat Membru, il-UNHCR u l-Kunsill ta' l-Ewropa (dwar il-Ftehim Ewropew dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà). Ir-rapport finali, li kien diskuss ma' l-esperti ta' l-Istati Membri, kien milqugħ b'konsensus wiesa'.

Il-partijiet ikkonsultati laqgħu l-estenzjoni tad-Direttiva għar-refuġjati. Madankollu, xi Stati Membri wrew dubji dwar l-inklużjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja. Madankollu l-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dak il-grupp f'din il-proposta għaliex tqis li s-sitwazzjonijiet taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi li kienu residenti għal ħames snin fl-Istat Membru li laqagħhom għandhom ikunu koperti (barra min hekk, *l-Istqarrija Konġunta* ta' Mejju 2003 tagħmel referenza għaż-żewġ kategoriji).

Ħafna partijiet ikkonsultati qablu ma' l-analiżi fl-istudju li t-trasferiment tal-protezzjoni jista' jseħħ anke qabel ma' jinkiseb l-istatus ta' residenza fit-tul, li jimplika li t-trasferiment ta' protezzjoni jixraqlu proposta separata. Ħafna partijiet ikkonsultati qablu wkoll li mekkaniżmu tal-komunità dwar it-trasferiment ta' protezzjoni jimplika rikonoxximent tad-deċiżjonijiet dwar l-ażil li min-naħa l-oħra jeħtieġlu livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' l-ażil ta' l-Istati Membri. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix mekkaniżmu Komunitarju għat-trasferiment ta' protezzjoni f'din il-proposta.

3) Elementi legali tal-proposta

EMENDI GĦAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2003/109/KE

L-għan prinċipali tal-proposta hu li din toffri lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali ċertezza legali dwar ir-residenza tagħhom fi Stat Membru u drittijiet li jitqabblu ma' dawk ta' ċittadini ta' l-UE wara 5 snin ta' residenza legali biex b'hekk jitnaqqas id-distakk maħluq mid-Direttiva 2004/83/KE. Dan isir bit-tħassir ta' l-eċ ċezzjonijiet ta' l-ambitu tad-Direttiva 2003/109/KE li tikkonċerna l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li titqies, fejn hemm bżonn, il-pożizzjoni speċifika tagħhom imqabbla ma' ta' ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi.

STATUS TA' RESIDENZA FIT-TUL FL-EWWEL STAT MEMBRU

Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jakkwistaw status ta' residenza fit-tul fi Stat Membru li jkun tahom protezzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet bħal fil-każ ta' ċittadini oħra ta' pajjiż terz. Barra minn hekk, il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jakkwistaw l-istatus ta' residenti fit-tul għandhom igawdu b'mod sħiħ id-drittijiet u l-benefiċċji konnesi ma' dan l-istatus u għandhom ikunu suġġetti għar-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet u l-benefiċċji stipulati mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE. Madankollu, sakemm resident fit-tul jibqa' benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali skond id-Direttiva 2004/83/KE, id-drittijiet tiegħu/tagħha li ġejjin mid-Direttiva 2004/83/KE ma jistgħux jiġu ostakolati mil-limitazzjonijiet ifissati fid-Direttiva 2003/109/KE. Il-kwistjoni dwar jekk il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li jkunu ngħataw status ta' residenti jibqalhomx il-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew jekk jibqgħux intitolati għal status ta' protezzjoni internazzjonali skond id-Direttiva 2004/83/KE hija barra mill-ambitu tad-Direttiva pre żenti.

Madankollu, l-għoti inizjali tal-protezzjoni jeħtieġ ukoll assigurazzjoni tar-rispett tal-prinċipju tan-*non-refoulement* fl-eventwalità ta' l-irtirar jew it-telfien ta' l-istatus ta' resident fit-tul fl-ewwel Stat Membru.

IR-RESIDENZA U L-ISTATUS TA' RESIDENT FIT-TUL FIT-TIENI STAT MEMBRU

Il-Kaptitlu III tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE jiffissa l-kondizzjonijiet li skondthom residenti fit-tul jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' residenza fi Stat Membru ieħor. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom japplikaw b'mod sħiħ għall-benefi ċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu ngħataw residenza fit-tul.

Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li japplikaw skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2009/109/KE għal status ta' residenti fit-tul fi Stat Membru differenti minn dak li tahom protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu obbligati li josservaw il-kondizzjonijiet relevanti meħtieġa mid-Direttiva 2009/109/KE.

ID-DIRETTIVA 2003/109/KE EMENDATA MA TIPPREVEDI EBDA mekkaniżmu KOMUNITARJU għat-trasferiment taR-RESPONSABBILTà FEJN TIDĦOL protezzjoni

Din id-Direttiva tagħti biss, skond ċerti kondizzjonijiet, id-dritt ta' residenza fit-tieni Stat Membru lir-residenti fit-tul, mhux lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali b ħala tali (anqas id-Direttiva 2004/83/KE ma tagħti dan id-dritt). Minkejja residenza fit-tieni Stat Membru tista' tirriżulta, f'xi każijiet, fi trasferiment tar-resposnabbiltà għall-protezzjoni f'ċertu mument, il-kwistjoni hi barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Minkejja li m'hemmx statistika ta' min joqgħod fuqha, l-istudju dwar it-trasferiment tal-protezzjoni msemmi hawn fuq juri li t-talbiet għal trasferiment tal-protezzjoni huma rari. Fil-prattika, id-differenzi fl-interpretazzjoni mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet

4) Il-bażi legali

Din il-proposta temenda d-Direttiva 2003/109/EC u tuża l-istess bażi legali bħal dak l-att, jiġifieri l-Artikoli 63(3)(a) u 63(4) tat-Trattat tal-KE. Din il-bażi legali hi xierqa meta wieħed iqis li l-istatus ta' resident fit-tul għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali hu strument għall-integrazzjoni tagħhom bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istat Membru li qed jilqagħhom u għalhekk hi kwistjoni ta' politika ta' immigrazzjoni.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda m'humiex marbutin bid-Direttiva 2003/109/KE bis-saħħa tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattati. Bl-istess mod, id-Danimarka mhix marbuta bis-saħħa tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattati.

5) Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tad-Direttiva 2003/109/KE, li jfisser li l-Istati Membri jiddeċiedu fuq il-livell nazzjonali jekk, u jekk hu hekk, fuq liema kondizzjonijiet benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jistgħux jingħataw status permanenti u x'se jkun l-ambitu ta'dan l-istatus. Bħalissa jistgħu jiksbu dan l-istatus f'xi Stati Membri, iżda mhux f'kollha. Barra minn hekk, l-ambitu ta' l-istatus tagħhom hu differenti fost l-Istati Membri.l-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, madakollu, li l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu intitolati għal status ta' residenti fit-tul imsemmi fid-Direttiva 2003/109/KE fl-Istati Membri kollha fuq kondizzjonijiet imqabbla. Dan jeħtieġ l-adozzjoni ta' regoli komuni fuq livell Komunitarju.

Għalhekk l-emendar tad-Direttiva 2003/109/KE hu l-aħjar metodu biex ikun żgurat trattament ugwali għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi li għandhom residenza legali fi Stat Membru għal ċertu perjodu.

6) Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-forma ta' l-azzjoni Komunitarja għandha tkun l-aktar waħda sempliċi biex tippermetti li jintlaħaq l-għan tal-proposta u tkun implimentata b'mod effettiv. F'dan l-ispirtu, l-istrument legali magħżul hu Direttiva li temenda d-Direttiva eżistenti. Din tiffissa l-prinċipji ġenerali iżda tħalli f'idejn l-Istati Membri li lilhom hi indirizzata biex jagħżlu huma l-forma u l-metodi l-aktar xierqa biex iġibu fis-seħħ dawn il-prinċipji fis-sistema legali nazzjonali tagħhom u l-kuntest ġenerali. Id-Direttiva proposta tillimita ruħha biss biex tiddetermina l-kondizzjonijiet għall-ksib ta' l-istatus ta' residenza fit-tul minn ċittadini tal-pajjiżi terzi li kienu benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri, jekk jixtiequ, jistgħu jiddeterminaw kondizzjonijiet aktar favorevoli biex jinkiseb status permanenti li japplika biss fil-kuntest nazzjonali.

7) Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

Emenda ta' l-Artikolu 2

Ġaladarba hemm konnesjoni bejn id-Direttiva 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi biex jikkwalifikaw u jagħtu l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li b'mod ieħor għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali u d-Direttiva 2003/109/KE fejn meta wieħed jiġi biex jiddefinixxi grupp ta' ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom ikun jistgħu jiksbu status ta' resident fit-tul, hu xieraq li tiżdied ma' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/109/KE referenza għad-definizzjoni ewlenija tal-'protezzjoni internazzjonali' fid-Direttiva 2004/83/KE.

Emenda ta' l-Artikolu 3

Hu propost li jitħassru d-dispożizzjonijiet li jeskludu l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali mill-ambitu tad-Direttiva 2003/109/KE.

Emenda ta' l-Artikolu 4

Hu proposta li jkun emendat l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/KE sabiex jitqies it-tul ta' żmien tal-proċedura ta' l-ażil għall-kalkolu ta' 'ħames snin ta' residenza legali' fi Stat Membru. Dan jiżgura trattament ġust fil-każ li ċittadin ta' pajjiż terz jingħata status ta' protezzjoni internazzjonali bħala konsegwenza tar-reviżjoni jew appell kontra deċi żjoni negattiva peċedenti meħuda fl-applikazzjoni tiegħu/tagħha għall-ażil.

Emenda ta' l-Artikolu 8

L-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva 2003/109/KE għandhom japplikaw b'mod sħiħ għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu għamlu applikazzjoni għal status ta' resident fit-tul fi Stat Membru.

Madankollu, hemm bżonn li jkun indirizzat t-tħassib ta' l-Istati Membri fir-rigward tar-rispett tal-prinċipju tan-*non-refoulement* fejn ir-residenza ta' residenza fit-tul tkun in ġiebet fi tmiemha fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/109/KE. Dan it-tħassib għandu x'jaqsam mal-fatt li l-'isfond tal-protezzjoni' tar-residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz jista' jkun injorat meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali huma differenti minn dawk kompetenti għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' resident fit-tul. Din il-kwistjoni hija importanti wkoll fis-sitwazjzoni fejn benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li ngħata status ta' resident fit-tul jiċċaqlaq g ħal Stat Membru ieħor u wara 5 snin ta' residenza jikseb status ta' resident fit-tul f'dak l-Istat Membru.

Għalhekk biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu konxji ta' dan l-'isfond tal-protezzjoni', l-emenda proposta ta' l-Artikolu 8 tobbliga lill-Istati Membri li jinkludu fil-permess ta' residenza KE fit-tul mogħti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali rimarka speċifika li tirrigwarda l-fatt li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun ingħata l-istatus ta' protezzjoni.

L-istess informazzjoni għandha tiddaħħal mit-tieni Stat Membru li jagħti l-istatus ta' resident fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz li l-permezz ta' residenza KE fit-tul maħruġ mill-ewwel Stat Membru fih ir-rimarka msemmija hawn fuq. Madankollu, it-tieni Stat Membru m'għandux jirriproduċi din l-informazzjoni fuq il-permess jekk, wara li jkun ikkonsulta l-Istat Membru li skond ir-rimakra ta l-protezzjoni internazzjonali, isib li l-protezzjoni internazzjonali kienet irtirata.

Emenda ta' l-Artikolu 11

Il-kwistjoni dwar jekk il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li jingħataw status ta' residenti fit-tul jibqgħalhomx il-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali jew jekk iżommux

Emenda ta’ l-Artikolu 25

Sabiex ikun faċilitat l-iskambju ta’ l-informazzjoni neċessarju bejn l-Istati Membri kif meħtieġ mill-Artikolu 12(3a), l-Artikolu 25 għandu jkun emendat kif inhu xieraq sabiex jippermetti l-użu ta' xibka ta' punti ta' kuntatt nazzjonali wkoll għal dan il-għan.

Proposta għal

2007/0112 (CNS)

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul[6] ma tapplikax għar-refuġjati u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi biex jikkwalifikaw u jiksbu l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li b'mod ieħor għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[7].

(2) Il-prospett biex jinkiseb status ta' residenza fit-tul fi Stat Membru wara ċertu żmien hu element importanti għall-integrazzjoni sħiħa tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ta' residenza.

(3) L-istatus ta' residenza għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali hu importanti wkoll għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, għan fundamentali tal-Komunità espress fit-Trattat.

(4) Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jakkwistaw status ta' residenti fit-tul wara ħames snin ta residenza kontinwa u legali fi Stat Membru li jkun

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU C […], […], p. […].
6 ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.
7 ĠU L 304, 30.9.2004, p.12.

tahom protezzjoni internazzjonali suġġetta għall-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini o ħra ta' pajjiżi terzi. It-tul taż-żmien tal-proċedura għall-eżami ta' l-applikazzjoni tag ħhom għall-protezzjoni internazzjonali għandu jitqies biex ikun ikkalkulat il-perjodu ta' ħames snin ta' residenza kontinwa u legali.

(5) Fid-dawl tad-dritt tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu residenti fi Stati Membri oltre dak li jkun tahom il-protezzjoni internazzjonali, hu neċessarju li jkun żgurat li dawn l-Istati Membri huma informati bl-isfond tal-protezzjoni tal-persuni kon ċernati sabiex ikunu jistgħu josservaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-rispett lejn il-priniċipju tan-*non-refoulement*. Għal dan l-iskop il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul mogħti lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkun fih rimarka li tagħti l-informazzjoni dwar il-fatt li l-protezzjoni internazzjonali ngħatat minn Stat Member lid-detentur tiegħu. Sakemm il-protezzjoni internazzjonali ma kinitx ġiet irtirata, din ir-rimarka għandha tkun riprodotta fuq il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul maħruġ mit-tieni Stat Membru.

(6) Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li huma residenti fit-tul għandhom igwadu trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini ta' l-Istati Membru ta' residenza f'firxa wiesgħa ta' materji ekonomiċi u soċjali, skond ċerti kondizzjonijiet, sabiex l-istatus ta' resident fit-tul jikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni tar-residenti fit-tul fis-soċjetà fejn igħixu.

(7) It-trattament ugwali tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membru li jkun tahom l-protezzjoni internazzjonali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-benefiċċji garantiti skond id-Direttiva 2004/83/KE.

(8) Il-kondizzjonijiet iffissati fid-Direttiva 2003/109/KE li jikkonċernaw id-dritt ta' resident fit-tul li jieħu residenza fi Stat Membru ieħor u jikseb status ta' residenza fit-tul hemmhekk għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kollha li akkwistaw l-istatus ta' residenza fit-tul.

(9) It-trasferiment ta' responsabbiltà tal-protezzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali hu barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

(10) Fejn Stat membru għandu l-intenzjoni li jkeċċi, għal raġuni provduta fid-Direttiva 2003/109/KE, benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li jkun akkwista status ta' residenza fit-tul f'dan l-Istat Membru, il-persuna konċernata għandha tgawdi l-protezzjoni kontra r-*refoulement* garantita mid-Direttiva 2004'83/KE. Għall-iskopijiet biex ikun żgurat ir-rispett sħiħ lejn il-prinċipju tan-non-refoulement fejn il-persuna kon ċernata tkun ingħatat status ta' protezzjoni fi Stat Membru ieħor u dan l-istatus ma kienx irtirat fil-frattemp, hu neċessarju li jkun provdut li hu/hi jista'/tista jitkeċċa/titkeċ ċa biss lejn l-Istat Membru li ta l-istatus ta' protezzjoni u li dan l-Istat Membru hu obbligat li jdaħħlu/jdaħħalha lura, sakemm din it-tkeċċija hi permessa skond id-dispo żizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83/KE li tirrigwarda r-rispett lejn il-prinicipju tan-*non-refoulement*.

(11) Għall-istess raġuni, il-possibbiltà provduta mid-Direttiva 2003/109/KE biex it-tieni Stat Membru jkeċċi mit-territorju ta' l-Unjoni ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ħa residenza iżda ma jkunx kiseb status ta' resident fit-tul f'dan l-Istat Membru m'għandhiex tapplika fejn il-persuna konċernata tkun ingħatat status ta' protezzjoni fi Stat Membru ieħor,

sakemm din it-tkeċċija hi permessa skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83/KE li tirrigwarda r-rispett lejn il-prinicipju *non-refoulement*.

(12) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Skond il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni li hemm fil-Karta, Stat Membru g ħandu jimplimenta din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni bejn il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva għal raġunijiet ta' sess, razza, kulur, etniċità jew oriġini soċjali, karatteristi ċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew opinjonijiet oħra, s ħubija f'minoranza etnika, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

(13) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, dawn l-Istati Membri mhumiex jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin bl-applikazzjoni tagħha jew suġġetti għaliha.

(14) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni 2003/109/KE u mhix marbuta magħha jew suġġetta għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2003/109/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) 'protezzjoni internazzjonali' tfisser protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE[8];".

2. L-Artikolu 3(2) hu emendat kif ġej:

a) Il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) applikaw għal awtorizzazzjoni għar-residenza fi Stat Membru fuq il-bażi ta' forma sussidjarja ta' protezzjoni skond obbligi internazzjonali, leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika ta' l-Istati Membri u jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom; ".

b) Il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

(d) applikaw għal rikonoxximent bħala refuġjati u ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;

3. Fl-Artikolu 4(2) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

[8] ĠU L 304, 30.9.2004, p.12

"Fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, il-perjodu bejn id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hi ppreżentata u d-data li fiha l-permess ta' residenza msemmi fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/83/KE jingħata għandu jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

4. Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 4 u 5 li ġejjin jiżdiedu:

"4. Fejn Stat Membru joħroġ il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ingħatatlu l-protezzjoni internazzjonali, għandu jniżżel fil-permess ta' residenza KE taħt it-titlu "rimarki" dan li ġej: Id-detentur ta' dan il-permess ingħata protezzjoni internazzjonali f' [isem l-Istat Membru] fi [data]".

5. Fejn il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul jinħareġ mit-tieni Stat Membru lil ċittadin ta' pajjiż terz li l-permess ta' residenza KE tiegħu ikun fih rimarka msemmija fil-paragrafu 4, it-tieni Stat Membru għandu jniżżel fil-permess ta' residenza KE l-istess rimarka.

Qabel ma t-tieni Stat Membru jniżżel ir-rimarka msemmija fil-paragrafu 4, jista' jikkonsulta lill-Istat Membru msemmi fir-rimarka biex jara jekk ir-resident fit-tul għadux igawdi minn protezzjoni internazzjonali. Fejn il-protezzjoni internazzjonali tkun irtirata b'deċiżjoni finali, it-tieni Stat Membru m'għandux idaħħal ir-rimarka msemmija fil-paragrafu 4."

5. Fl-Artikolu 11 jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Għal dak li jikkonċerna l-Istat Membur li ta l-protezzjoni internazzjonali paragrafi 3 u 4 huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83/KE."

6. L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

a) Jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jkeċċi resident fit-tul li l-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4), għandu jikkonsulta l-Istat Membru imsemmi fir-rimarka.

Sakemm fil-frattemp ma kinitx irtirata l-protezzjoni internazzjonali, ir-resident fit-tul għandu jitkeċċa lejn dan l-Istat Membru li għandu jdaħħal lura immedjatament mingħajr formalitajiet lir-resident fit-tul u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha."

b) Jizdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Dan l-Artikolu hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 tad-Direttiva 1999/83/KE."

7. Fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu 3 li ġej:

"3a. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul maħruġ mill-ewwel Stat Membru fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4).

Dan il-paragrafu hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/83/KE."

8. Fl-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt li jkunu responsabbli biex jibagħtu u jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(3a), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 23(1)."

Artikolu 2

9. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex josservaw din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn […]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

10. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fi […] jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President